MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 247/2003

**Joseph Camilleri**

**vs**

**B'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Frar, 2005 gew nominati Dr. Leslie Cuschieri u PL Hilda Ellul Mercer bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta' konvenuta, Rascala of Malta Limited u b'digriet tal-Qorti tas-27 ta' Ottubru, 2005 giet awtorizzata tinterrvjeni fil-kawza s-socjeta' Middlesea Insurance plc**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fis-7 ta' Marzu, 2003, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

Nhar il-11 ta' Gunju, 1999 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu, waqt li kien qieghed jahdem fuq *"saw/planer*

*machine"* fuq il-post tax-xoghol, precizament fil-fabbrika tal-kumpanija konvenuta li taghha huwa kien impjegat, l-attur Joseph Camilleri safa vittma ta' incident; (ara Dok A u Dok C);

*Per konsegwenza* ta' dan l-incident l-attur garraf griehi ta' natura gravi li hallewlu debilita' parzjali permanenti (ara Dok A u Dok B);

Wara dan l-incident u *per konsegwenza* tad-danni fizici gravi u dizabilita' permanenti li soffra, l-attur kellu jissottometti ruhu ghal diversi kuri medici inkluzi intervent kirurgiku u anke trattamenti medici ta' riabilitazzjoni (ara Dok B);

Id-dizabilita' permanenti li sofra l-attur affetwatlu negattivament u perennement il-kwalita' tal-hajja lavorativa (ara Dok B) u privata tieghu kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

L-attur ma kienx jahti ghall-imsemmi incident li sehh unikament b'tort, b'htija, b'negligenza u traskuragni tal-kumpanija konvenuta li, kif jigi provat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, naqset li tosserva l-obbligu imposti fuqha mill-ligi li bhala principal tizgura ambjent hieles mill-perikoli ghall-impjegati taghha;

Interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni bonarja u eventwali hlas ta' danni l-kumpanija konvenuta baqghet inadempjenti.

Talab lill-kumpanija konvenuta jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara lill-kumpanija konvenuta responsabbli tal-incident li b'konsegwenza tieghu l-attur garrab l-imsemmija danni;

(2) Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta' periti u esperti nominandi, d-danni sofferti mill-attur *per konsegwenza* ta' dan l-incident fuq deskritt;

(3) Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-attur s-somma likwidata *in linea* ta’ danni bl-imghax legali.

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Dr. Leslie Cuschieri u tal-prokuratur legali Hilda Ellul Mercer, li b’digriet tat-2 ta’ Frar, 2005, gew nominati bhala kuraturi biex jirraprezentaw lis-socjeta’ konvenuta, li *in forza* taghha eccepew illi:

1. B’digriet tat-2 ta’ Frar, 2005 huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta’ mhux rapprezentata Rascala of Malta Limited.

2. Huma m’ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuni konnessi mal-kumpanija minnhom rapprezentata u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

3. Ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Ottubru, 2005, li *in forza* taghha awtorizzat lis-socjeta’ Middle Sea Insurance plc tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis,* u giet awtorizzata tressaq l-eccezzjonijiet taghha ;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ intervenjenti li *in forza* taghha eccepiet illi:

Qabel xejn, qed jigi dikjarat ghal kull buon fini illi s-socjeta’ eccipjenti tirritjeni illi s-socjeta’ konvenuta Rascala of Malta Limited, li fil-perjodu meta gara l-incident mertu tal-kawza kellha favuriha polza ta’ assikurazzjoni tat-tip *Employers Liability*, ma hijiex, ghaliex naqset illi tottempora ruhha mal-kondizzjonijiet tal-polza relattiva, koperta taht l-istess polza. Madankollu u minhabba l-possibilita’ illi f’kaz ta’ ezitu sfavorevoli ta’ din il-kawa ghas-socjeta’ konvenuta, l-istess socjeta’ konvenuta tista’ tittenta tottjeni pagament minghand is-socjeta’ eccipjenti,

qeghdin isiru is-segwenti eccezzjonijiet minghajr pregudizzju ghas-suespost.

1. It-talbiet attrici huma preskritti bid-dekors ta' sentejn *ai termini* ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

2. Fi kwalsijasi kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata relattiva;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-kuraturi deputati pprezentata fit-30 ta' Novembru, 2005, li *in forza* taghha eccepew illi:

*In vista* tal-fatt li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' titqajjem fi kwalunkwe stadju tal-kawza, l-esponenti *nomine* qed jeccepixxu l-preskrizzjoni tas-sentejn kif kontemplata f'Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Rat l-affidavit tal-attur;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attur kien ghamel zmien jahdem bhala mastrudaxxa mal-kumpanija konvenuta li kienet timmanifattura lanec tal-*fiberglass*. Fil-11 ta' Gunju, 1999, ghall-habta tal-11.00am kien qieghed fil-*workshop* jaqta' l-injam fuq il-

lupa.  L-injam kien ikun ta' xi metru 'l wahda b'xi 6 jew 7 pulzieri wisa', u hu kellu jaqtahom biex igibhom kollha 4 pulzieri wisa'.

L-attur iddikriva l-mod ta' kif gara l-incident hekk:

*"L-injama partikolari tfajtha fuq il-lupa u x'hin bdejt naqta' fethet, x'hin imbaghad waslet l-ahhar 15 pulzier qisu ghalqet sewwa mal-lupa.  Tista' tahseb bdiet iddahhan. Dik ma tissograx tnehhiha minn fuq il-lupa.  L-ahhar bicca qbadt injama ohra biex nimbuttaha minn wara.  Kif harget l-injama li kienet qeghda tinqata' b'xi mod qabdet il-lupa u sparatha lura lejn id-direzzjoni tieghi u laqtitni go l-istonku tieghu u fuq zaqqi.  Bid-daqqa ghawgitni u ma stajtx niehu nifs.  Mill-ewwel dort minn fuq il-lupa biex nara x'kien grali u biex nipprova niehu n-nifs u kif qbadt ngholi t-t-shirt, rajt id-demm fuq hwejgi u l-qalziet.  Kif qed infittex nara minn fejn kien gej id-demm indunajt illi subghajja l-werrej ta' idi x-xellugija kien imdendel u kien qed izomm biss fuq il-gilda.  Il-lupa kienet qatghatuli bl-ghadma b'kollox.  Kif rajtu hekk qbadtu, ghamiltu f'postu u niftakar li zammejtu hekk sa l-isptar.  Shabi tax-xoghol daru mieghi u John Vella, kollega, rabatli idejja biex ma jkomplix johrog id-demm.  Imbaghad hadni l-isptar Stephen, kollega iehor, u xi hadd iehor"*.

L-attur qed jallega li dan l-incident sehh tort tal-*employer* tieghu li naqas milli jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega biex jigi evitat incident fuq il-lant tax-xoghol.  Hu qal li l-magni kienu antiki u ma kellhomx *guards* li jghattu x-xfafar;  kien biss wara dan l-incident li l-kumpanija ghamlet xi tip ta' *guards* mal-magni.  L-attur li kellu 55 sena meta sehh l-incident, qed jitlob kumpens *a bazi* ta' 25%  *disability* li gie certifikat li ghandu minn Mr. Ivan Esposito.

Qabel ma jigi diskuss il-meritu, hu mehtieg li tigi trattata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kuraturi deputati u mis-socjeta' intervenjenti, eccezzjoni li tista' tigi sollevata f'kull stadju tal-process tal-kawza (artikolu 2112 tal-Kodici Civili) u minn minn ikun interessat (artikolu 2113 ibid).

Tali eccezzjoni tista' tigi sollevata wkoll minghajr htiega ta' permess preventiv, min din il-Qorti (artikolu 731 tal-Kap. 12 u "Tabib Principali tal-Gvern vs Galea", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Jannar, 1999).

Is-socjeta' intervenjenti eccepiet li l-azzjoni attrici hi preskritta bit-terminu ta' sentejn, *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, li jitkellem fuq azzjonijiet ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat; l-istess ghamlu l-kuraturi deputati.

Illi dwar il-preskrizzjoni li tolqot ksur ta' obbligazzjoni, l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza "Improved Design Ltd vs Gialanze", deciza minn din il-Qorti fid-19 ta' Mejju, 2005, li fiha gie osservat is-segwenti:

*"Illi ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tlett ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghemil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz, iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mill-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt ('l hekk msejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili); u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames (5) snin. Kieku l-obbligazzjoni tkun imfissra f'att pubbliku, jidher li l-preskrizzjoni tkun dik ta' tletin (30) sena, u dan ghaliex iz-zmien preskrittiv dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali huwa dak relattiv ghall-obbligazzjoni nfisha;*

*Illi l-fattur li jsejjes il-htija akwiljana (jew dik li titnissel barra r-rabta kuntrattwali) huwa dak li l-persuna hija obbligata li, f'ghamilha, ma tikkawzax hsara jew dannu lil haddiehor taht il-principju tan-neminem laedere. Min-naha l-ohra, il-htija mnissla mir-rabta kuntrattwali tissejjes fuq l-obbligazzjoni li l-parti fil-kuntratt ghandha d-dmir li twettaq dak li ghalih intrabtet mal-parti kontraenti l-ohra. Fil-fatt, jista' jaghti l-kaz li ghalkemm fatt wihed jista' jaghti lok*

*kemm ghal azzjoni ta' danni akwiljani, u kif ukoll (jekk ikun il-kaz) ghad-danni kuntrattwali, il-qies ta' liema zmien preskrittiv ghandu japplika jittiehed mil-bazi rejali ta' t-talba attrici;*

*Illi huwa maghruf ukoll li mhux kull hsara li tiggarrab waqt jew minhabba l-mod kif ikun twettaq kuntratt twassal ghall-htija kuntrattwali. Jista' jkun li nuqqas jaghti lok xorta wahda ghall-htija akwiljana, minkejja li jkun sehh waqt u bis-sahha ta' rabta kuntrattwali. Ghalhekk, biex hsara mgarrba waqt it-twettiq ta' kuntratt titqies li hija akwiljana u mhux kuntrattwali, jehtieg jintwera li tali hsara ma jkollha x'taqsam xejn mar-relazzjoni kuntrattwali ezistenti bejn il-partijiet;*

*Illi ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghamil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali jew obbligazzjoni li tixbahha.*

*Illi fil-kaz ta' azzjoni ta' danni mibnija fuq allegat nuqqas ta' twettiq ta' obbligi kuntrattwali, iz-zmien preskrittiv applikabbli m'huwiex dak mahsub fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili".*

F'dan il-kaz l-attur qed jallega ksur ta' obbligu impost fuq minn ihaddem li jipprovdi *a safe system of work* ghall-haddiema tieghu; fil-fatt, l-attur jallega li s-socjeta' konvenuta li maghha kien jahdem *"naqset li tosserva l-obbligi imposti fuqha mill-ligi li bhala principal tizgura ambjent hieles mill-perikoli ghall-impjegati taghha"*. Dan ifisser li l-attur li b'rizultat dirett ta' ksur ta' obbligu kuntrattwali, *ancorche'* imposti bil-ligi, huwa sofra danni. Hu qed jallega *nexus* dirett bejn il-ksur tal-obbligi kuntrattwali u d-danni rizultanti, u, kif intqal, f'kaz ta' ksur ta' obbligu kuntrattwali, it-terminu preskrittiv applikabbli m'huwiex dak invokat.

Anke jekk l-azzjoni attrici ma hijiex bazata fuq ksur ta' kuntratt, izda fuq il-kulpa akwiljana, xorta wahda, fil-fehma tal-Qorti, il-preskrizzjoni sollevata mhux applikabbli. Id-

doveri ta' *employer* lejn l-impjegati tieghu johorgu mhux biss mid-duttrina, izda wkoll mil-ligi u l-ligi applikabbli meta sehh l-incident kien l-Att VII tal-1974 li dahal fis-sehh b'Avviz Legali numru 56 tal-1995. Dan l-Att jimponi varji obbligi fuq minn ihaddem, partikolarment li jipprovdi ghas-sahha u l-inkolumita' tal-haddiema tieghu. Ksur ta' dawk l-obbligi jesponi lil minn ihaddem ghall-proceduri kriminali, u *kwindi* ksur ta' dawk l-obbligi ghandu jitqies bhala reat. Issa, skond il-ligi, f'kaz ta' danni rizultat ta' reat, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik kontemplata fl-artikolu 2154 tal-Kodici Civili.

Biex jigi determinat jekk agir jikkostitwixxix reat jew le, mhux mehtieg li jkunu ittiehdu proceduri kriminali fil-kuntest ta' dak l-agir, u lanqas li l-kontro-parti tkun passibbli ghall-procedura kriminali. Jista' jkun li, minhabba diversi cirkostanzi, l-awtorita' kompetenti ma tkunx tista' tiehu proceduri kriminali *in konnessjoni* ma dak l-agir, jew li l-proceduri ma jkunux jistghu jittiehdu kontra l-kontro-parti, *pero'*, l-agir xorta wahda jitqies reat, kopert, ghall-fini tal-preskrizzjoni, bl-artikolu 2154 u mhux dak invokat.

Hu interessanti dak li qalet din il-Qorti fil-kawza "Zammit vs Bonello", deciza fit-8 ta' Ottubru, 2004, fis-sens li d-danni sofferti b'konsegwenza ta' incident stradali li fiha l-attur allegatament sofra debilita permanenti (kif qed jigi allegat ukoll f'din il-kawza), il-preskrizzjoni applikabbli hija dik kontemplata fl-artikolu 2154 (ara wkoll "Tabone vs Zammit", deciza minn din l-istess Qorti fis-16 ta' Ottubru, 1971).

Kif intqal, l-Att *in kwistjoni* jqies ksur ta' l-obbligi li ghandu *employer* verso l-haddiema tieghu bhala reat, tant li skond l-artikolu 18 tal-istess Att, minn jinstab hati setgha jehel sa sentejn prigunerija. *Kwindi*, l-agir allegat, jekk mhux ksur ta' obbligu kuntrattwali, ghandu jitqies *"reat"*, b'mod li l-preskrizzjoni invokata mhux dik applikabbli.

Ghal kull buon fini, jinghad illi anke kieku gie invokat l-artikolu 2154, l-eccezzjoni ma kienitx tirnexxi, mhux biss ghax l-agir allegat ghandu jitqies bhala ksur ta' obbligu

kuntrattwali, izda wkoll ghax, la darba, l-agir jista' jaghti lok ghall-sentenza ta' prigunerija ghall-perjodu ta' sentejn, skond l-artikolu 688(d) tal-Kodici Kriminali, tali reat hu preskrivibbli b'gheluq hames snin. L-incident *in kwistjoni* sehh fil-11 ta' Gunju, 1999, fil-waqt li din il-kawza infethet fis-7 ta' Marzu, 2003, *cioe'*, *entro* t-terminu ta' hames snin preskritt.

Ghalhekk, la darba il-preskrizzjoni invokata taht l-artikolu 2153 mhux applikabbli, l-eccezzjoni sollevata mill-kuraturi deputati u s-socjeta' intervenjenti ma tistax tigi milqugha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn dan l-incident billi tichad l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-kuraturi deputati fit-30 ta' Novembru, 2005, u tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta' intervenjenti, bl-ispejjez kontra taghhom, u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-meritu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------